MALTA

# TRIBUNAL GHAL TALBIET ZGHAR

**GUDIKATUR DR.**
**GRAZIELLA BEZZINA**

Seduta tal-15 ta' Lulju, 2011

Talba Numru. 165/2011

**GO plc – C-22334**

**vs**

**Xuereb Marie Claire**
**ID-365390(M)**

**It-Tribunal,**

Ra l-Avviz tat-talba li permezz tieghu s-Socjeta’ attrici talbet illi l-konvenuta ghandi tigi ordnata taghti lis-Socjeta’ attrici s-somma ta’ hames mija erbgha u tletin Ewro u tnejn u hamsin centezmu (€534.52c) in konnessjoni ma’ diversi servizzi (*AC40140348*).

Illi interpellata diversi drabi sabiex tghaddi ghall-hlas, il-konvenuta baqghet inadempjenti u ghalhekk kellha ssir din il-kawza kontra l-konvenuta ngunta ghas-subizzjoni.

Bl-imghax u bl-ispejjez.

Ra d-dokumenti mehmuza, u cioe' Dok. A – prospett relattiv ghall-kont numru *AC40140348*, Dok. B – kuntratt datat 16 ta' Dicembru, 2009 u Dok. C – estratt mir-registru elettorali.

Ra li mill-atti jirrizulta li ghalkemm il-konvenuta giet debitament notifikata bl-Avviz, ma kkontestatx il-kawza fit-terminu preskritt mil-ligi u lanqas ma dehret ghas-seduti li nzammu quddiem it-Tribunal.

Ra l-Kapitolu li gie pprezentat mis-Socjeta' attrici u l-fatt li l-konvenuta naqset li tidher sabiex tirrispondi ghalih, u ghalhekk ghandu jittiehed bhala mistqarr.

Ghaldaqstant, peress illi t-talba tas-Socjeta' attrici tirrizulta soddisfacentement ippruvata, t-Tribunal jilqa' t-talba u jikkundanna lill- konvenuta thallas lis-Socjeta' attrici s-somma ta' hames mija erbgha u tletin Ewro u tnejn u hamsin centezmu (€534.52c), bl-imghax kif mitluba. L-ispejjez jkunu a karigu tal-konvenut.

**< Sentenza Finali >**

--------------------------------TMIEM--------------------------------